# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru 1678

KAZ NRU : 2294CD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

**Keith Parnis (ID 359779M)**

u

**STMicroelectronics (Malta) Limited (C5338)**

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*.

Illum l-Erbgha 1 ta' Marzu 2006

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

**1. Introduzzjoni**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet rriferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-Registru tal-Qrati Superjuri fil-20 ta' Gunju 2005 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002 dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

L-appellant is-Sur Keith Parnis kien assistit mill-Avv Dr Aron Mifsud Bonnici LL.D. u l-Avv Dr Marvic DeBarro LL.D. s-socjeta intimata kienet rapprezentata mis-Sur Albert Fenech, HR Section Manager assistit mill-Avv Dr John Buttigieg LL.D.

It-Tribunal zamm seba' (7) seduti.

## 2. Xhieda

Tul is-smiegh tal-kaz xhedu s-segwenti individwi:

| | |
|---|---|
| l-appellant | Keith Parnis |
| Albert Fenech | HR Section Manager |
| Tonio Portugese | World-wide HR Director |
| Dr Anthony Mifsud | Tabib tal-kumpanija |
| Andrew Mizzi | Segretarju Taqsima Elettronika u Kommunikazzjoni tal-GWU |
| Dr Karl Joseph Chircop | Tabib |

## 3. Dokumenti

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti.

## 4. L-Istorja

L-Appellant Keith Parnis irraporta "sick" fit-28 ta' April 2005, li wara li gie invistat mit-Tabib tal-kumpanija wara nofsinhar ta' l-istess gurnata gie ddikjarat tajjeb ghax-xoghol. Parnis accetta d-dijanjozi tat-tabib u dahal ghax-*shift* tieghu ta' bil-lejl, hadimha kollha u thallas tal-gurnata.

Fis-6 ta' Mejju 2005 hu gie mgharraf li dan kien jikkostitwixxi abbuz serju tas-*sick leave* u safa mkecci mill-impieg b'sehh mill-istess gurnata.
Hu gie mfakkar li kellu okkazzjoni ohra ta' abbuz tas-*sick leave* fis-7 ta' Lulju 2004 meta naqas li ma fetahx il-bieb lit-tabib li mar jinvistah fl-24 ta' Gunju 2004. Ta' dan Parnis kien gie sospiz minghajr hlas ghal-jum ta' l-Erbgha 18 ta' Awissu

2004, imwissi severament li abbuz simili jista jirrizulta fit-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu u ma thallasx ghal-24 ta' Gunju 2004.

**Sottomissjonijiet**

Fl-Istatement of case taghha l-kumpanija STMicroelectronics (Malta) Ltd, sostniet li ma setghetx taccetta abbuz tas-*sick leave*. Wara kollox l-appellant kien gie imwissi fl-okkazzjoni meta kien gie sospiz ghall-gurnata talli ma halliex lit-tabib tal-kumpanija jinvistah, meta ma fetahlux il-bieb.

Il-kumpanija stqarret li kellha pressjoni mill-Bord tad-Diretturi biex trazzan l-abbuz tas-*sick leave*, ghax dan kien jeffettwa il-kompettivita tal-kumpanija u l-ghajxien ta' l-impjegati. Qalet wkoll li s-*sick leave* ta' l-appellant fuq medda ta' snin kien il-fuq mill-medja generali tas-*sick leave* ta' l-impjegati tal-produzzjoni tal-kumpanija.

Qalet li l-fatt li l-appellant cempel li hu marid u li fil-fatt skond it-tabib dan ma rrizultax kien minnu nnifsu abbuz tas-*sick leave*. Il-kumpanija qalet li l-appellant ma tkecciex biex jonqsu n-numru ta' l-impjegati izda biex jigi mrazzan l-abbuz tas-*sick leave*.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal irid jezamina c-cirkostanzi kollha dwar din it-tkeccija biex jistabbilixxi jekk kinitx gusta jew le. Irid jibda biex jiddikjara li dan it-Tribunal jemmen li min jabbuza mis-*sick leave* ghandu jigi ddixxiplinat, imma jemmen ukoll li d-dixxiplina ghal abbuz trid tkun gustifikata. Jemmen ukoll li l-mizuri kkontemplati tad-dixxiplina ghandhom ikunu minghajr l-ebda pressjoni, kemm interna jew esterna. Jibda biex jistqarr li veru li l-appellant kien naqas meta fl-24 ta' Gunju 2004 ma fetahx lill-ufficjal tal-kumpanija meta mar biex izuru waqt li kien on *sick-leave*. Ta' dan hu gie sospiz ghall-gurnata u ma thallaxx tal-jum tad-29 ta' Gunju 2004.

Fit-28 ta’ April 2005, l-appellant rega irraporta “sick”, izda meta mar izuru t-tabib tal-kumpanija wara nofsinhar it-tabib iddikjara li l-appellant kien hieles mis-*sickness* u kien tajjeb ghax-xoghol li fil-fatt accetta d-dijanjozi tat-tabib dahal ghax-xoghol tieghu fix-*shift* ta’ l-10.00 p.m. hadimha u thallas.

F’dan ir-rigward it-Tribunal htieglu jezamina din l-incidenza kkunsidrata mill-kumpanija bhala abbuz tas-*sick leave*. Jidher li ma hemm xejn fil-Ftehim Kollettiv li tinnega lill-impjegati li jirraportaw “sick” dejjem suggett li biex jigu accettati bhala “sick” irid ikunu iccertifikati “sick” mit-tabib tal-kumpanija. F’dan il-kaz l-appellant ma giex iccertifikat “sick” u ghaldaqstant ma jista jkun l-ebda dubbju li kien tajjeb ghax-xoghol kif fil-fatt ghamel u dahal ghax-xoghol.

Kwindi f’dan ir-rigward l-anqas ma jista wiehed jikkonkludi li l-incidenza tas-*sick* ta’ l-24 ta’ Gunju 2004 ma tistax tirrendi l-incident tas-sick tat-28 ta’ April 2005 bhala abbuz jekk almenu l-kumpanija ma kinitx jew qeghda tqis ir-rapport ta’ l-appellant bhala “sick” f’din id-data alternattiva bhala ta’ ngann. Izda anke hawnhekk jekk dan kien il-hsieb tal-kumpanija meta hargitlu “charge” ta’ abbuz tas-*sick leave*, ma setghetx tkun koperta mill-Ftehim Kollettiv.

Wara kollox, waqt li dan it-Tribunal jemmen li d-dijanjozi tat-Tabib kienet professjonali, dan bl-ebda mod ma jista jigi mwarreb id-dritt ta’ l-impjegat li hassu ma jiflahx u rraporta “sick”.
Se maj wara kollox ma ngieb l-ebda prova li meta l-appellant irraporta “sick” kien motivat biex jinganna.
U per se ma jistax jintqal li l-incidenza tas-*sick leave* tal-24 ta’ Gunju 2004 irrendiet l-kaz tas- “sick” tat-28 ta’ April 2005 bhala abbuz tas-*sick Leave* ripetut.

In fine, t-Tribunal ma tantx jinsab konvint li l-pressjoni tal-“parent body” tal-kumpanija biex jitrazzan l-abbuz tas-*sick leave* ma kelliex parti fid-decizjoni li l-appellant jigi mkecci

L-anqas it-Tribunal ma jista jinjora l-iskeda dwar il-medja tas-*sick* tal-*production Department*, fejn jidher li l-appellant  qabez din il-medja fis-snin 2002 sa 2005. Izda ma kien taht il-medja fl-ahhar sena u ghaldaqstant ma jara l-ebda abbuz f'dan ghax kien iccertifikat "sick" skond il-Ftehim Kollettiv.

Bl-iskop li ssahhah il-kaz taghha l-kumpanija ipproduciet u pprezentat skeda ta' *sick leave* li ha l-appellant bejn is-snin 2001 u 2005, fejn ntqal li kien ha 'l fuq mill-medja tas-*sick leave*. Naturalment ta' min jghid li fis-snin 2001 u 2005 dan ma jirrizultax, anzi kien baxx ferm mill-medja. Ghal dak li jirrigwarda l-ammonti ghas-snin 2002, 2003 u 2004 dawn kienu *sick leave* koperti minn *medical certificates* u allura it-Tribunal jikkonkludi li kienu approvati u ma jistghux jitqiesu qishom forma ta' abbuz jew sick leave eccessiv. It-Tribunal ma jigix konvint minn din il-kwalita ta' figuri li jista jkunu prodotti fuq dettalji parzjali u t-Tribunal jifhem li galadarba l-appellant segwa r-regoli tal-Ftehim Kollettiv meta fl-24 ta' Gunju 2005 gie ddikjarat tajjeb ghax-xoghol, dahal ghax-xoghol fix-*shift* tieghu, hadem ix-*shift* kollu u thallas, ma seta' qatt jkun meqjus li kiser ir-regoli dwar is-*sick leave* u per konsegwenza lanqas ma seta jkun meqjus li rripeta abbuz tas-*sick leave*.

It-Tribunal Industrijali ma jarax kif il-kumpanija ddecediet li fl-24 ta' Gunju 2005 l-appellant abbuza mis-*sick leave* meta segwa r-regoli tas-*sick leave*.

Fic-cirkostanzi l-kumpanija kienet zbaljat li tqis dan il-fatt bhala abbuz tas-*sick leave* fuq il-kriterju li kien naqas f'dan ir-rigward f'April 2004.

Finalment l-anqas ma jista t-Tribunal jikkonkludi li l-appellant qabes il-kwota ta' wiehed u ghoxrin jum *sick on full pay* tul l-impieg tieghu.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-istatements of case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotta, ra

u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet isib u jiddeciedi dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati hawn fuq, li tenut kont il-fatti u c-cirkostanzi kollha t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant Keith Parnis kienet ingusta.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-appellant ghandu jinghata kumpens mis-Socjeta STMicroelectronics (Malta) Limited fis-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1,000) sa mhux aktar tard minn tletin jum mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' dritijiet li jithallsu t-Tribunal Industrijali qieghed jiffissa dawn fis-somma ta' erbghin Liri Maltin (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-------------------------

Carmel Debono

Chairman